**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 17 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Anthony Balzan**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza taghha tal-4 ta' Marzu 2020 kontra:

**Anthony Balzan** ta' 63 sena iben Francis u Nary [sic] nee' Chetcuti, mwieled Sliema, fit-12 ta' Novembru 1955, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 764255M, residenti f' 'St Micheal', Triq il Wied, Qormi, fejn:

1. wara li rat l-Artikoli 42(c) u (d), 284, 285, 49, 50 u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Anthony Balzan, hati tal-ewwel imputazzjoni (komplicita ta' serq semplici) u tar-raba' imputazzjoni (recediva) – indikata bhala it-tielet imputazzjoni fic-citazzjoni a fol. 5 tal-process) – u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ikkundannatu

ghal piena ta' sena prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih huwa kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija.

2. astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrieh.

3. astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrieh indikata fic-citazzjoni a fol. 1 tal-process.

4. Peress li jidher li r-reat li tieghu Anthony Balzan instab hati f'dawn il-proceduri, gie kommess matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-26 ta' Marzu 2015, liema sentenza tinsab ezebita a fol. 296 *et. seq.* ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti *ex officio*, ai termini tal-Artikolu 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-ħati li jidher quddiemha fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2020 fin-12.30pm sabiex tiġi trattata il-kwistjoni dwar il-ksur ta' din is-sentenza sospiża.

Rat li b'digriet taghha tas-17 ta' Marzu 2020, is-seduta tat-18 ta' Marzu 2020 giet differita, ai termini tal-Avvizi Legali Numri 61 u 65 tal-2020, mahruga taht l-Att dwar is-Sahha Pubblika;

Rat li b'digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2020, wara li rat l-Avvizi Legali 230, 61 u 141 tal-2020, is-seduta giet appuntata ghad-19 ta' Gunju 2020.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hi limitata ghal kwistjoni jekk ir-reat li tieghu l-hati instab hati fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-4 ta' Marzu 2020 gewx kommessi waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-26 ta' Marzu 2015, liema sentenza tinsab ezebita a fol. 296 *et seq.* ta' dawn il-proceduri –

kwistjoni sollevata *ex officio* minn din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali, fis-sentenza taghha tat-3 ta' Marzu 2020.

Id-difiza m'hix tikkontesta l-fatt li r-reat gie maghmul matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza fuq imsemmija. Pero fit-trattazzjoni taghha, l-abbli difensur tal-hati talbet lill-Qorti testendi s-sentenza sospiza ghal perjodu iehor.

Id-difiza tellghet bhala xhieda lil hu l-hati u habib tieghu, li qalu li raw kambjament fil-hati wara li hareg mill-habs wara li inghatat is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2020, u li bl-ghajnuna taghhom qed jerga' jirrientegra ruhu fis-socjeta, u qieghed jisma' mill-pariri li qed ituh.

Id-difiza tellghet ukoll jixhed lis-social worker tal-Agenzija Sedqa li ilu isegwi lill-hati ghal dan l-ahhar hdax (11)-il xahar. Dan ix-xhud qal li l-hati ma kellux problemi ta' tossiko-dipendenza, u kien qed jahdem mieghu sabiex jirrientegra ruhu fis-socjeta kif ukoll li jerga' jibni relazzjoni mal-familja tieghu. Skond is-social worker, l-hati kien qed jikkoopera mieghu.

Pero l-Qorti ma tistax ma zzommx quddiem ghajnejha l-konsiderazzjonijiet li ghamlet fis-sentenza taghha fl-ismijiet premessi tal-4 ta' Marzu 2020, li se terga tirriproduci f'din is-sentenza:

*"Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-fedina penali aggornata tal-hati mhix wahda felici, u fiha xejn inqas minn seba' u ghoxrin (27) kundanna minn dawn il-Qrati, li hafna minnhom jikkoncernaw ligijiet li jirregolaw il-vetturi, it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u wahda minnhom il-ligi dwar it-Taxxa fuq id-Dhul, offizi ta' natura hafifa, u kundanna ta' serq aggravat.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet, id-difiza tissottometti li ghalkemm il-fedina penali tieghu ma hijiex wahda incensurata, mill-banda l-ohra lanqas ma jidher li l-hati huwa "beyond redemption", u f'kaz ta' htija ma ghandux jinghata piena karcerarja effettiva, pero ghandu jinghata sentenza sabiex tghinu jirriforma ruhu.*

*Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li raffrettarja kemm tkun raffrettarja l-fedina penali ta' hati, l-ebda hati ghamel x'ghamel ma ghandu jitqies "beyond redemption", ghaliex din il-Qorti temmen li <u>jekk verament ikollu r-rieda u l-buona volonta</u>, kull persuna, indipendentement*

*minn x'reati wettqet fil-passat, kapaci tirriforma ruhha u titbieghed mit-triq tal-kriminalita. Pero sabiex dan isir, l-hati irid juri li verament ghandu r-rieda li jirriforma ruhu.*

*Issa fil-kaz odjern, fil-bidu ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti kienet poggiet lill-hati taht ordni provizorja ta' supervizjoni appuntu sabiex Ufficjal tal-Probation ikun jista' jaghtih l-ghajnuna u l-appogg necessarju. Sussegwentement huwa inghata il-liberta provvizorja fit-28 ta' Jannar 2019. Pero sfortunatament, inqas minn sitt (6) xhur wara, fis-17 ta' Lulju 2019, din il-Qorti kellha tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest, stante li l-hati kiser il-kundizzjonjiet tieghu, fosthom dak li jibda u jkompli programm ta' riabilitazzjoni mal-Agenzija Caritas. In oltre, mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation ghal diversi drabi, l-hati naqas li jikkopera mieghu u jattendi ghall-appuntamenti, u ghaldaqstant din il-Qorti irrevokat ukoll l-Ordni Temporanja ta' Supervizjoni."*

*Fix-xhieda tieghu, l-hati qatt ma accenna li kellu xi problema ta' tossiko dipendenza, u mill-provi ma irrizultax sal-grad tal-probabbli li huwa kellu jew ghandu tali problema. Fi kwalunkwe kaz, l-imgieba tieghu f'dawn il-proceduri, ma halliet l-ebda dubbju f'ghajnejn il-Qorti li hu ma kellu l-ebda intenzjoni jaccetta xi forma ta' ghajnuna, lanqas minn Ufficjal tal-Probation."*

Ghalkemm issa jidher li wara li gie revokat id-digriet mill-helsien mill-arrest, il-hati accetta l-ghajnuna tas-social worker tal-Agenzija Sedqa, wiehed ma jridx jinsa, li sal-4 ta' Marzu 2020 dan kien qed isir fl-ambjent kontrollat tal-habs. Ftit granet biss wara li l-hati hareg mill-habs, dahlu fis-sehh il-mizuri tas-*soft lockdown* imposti mill-awtoritajiet tas-sahha minhabba il-pandemija tal-Covid-19, liema mizuri tnehhew ghal nofs Gunju 2020. Konsegwentement, kif xehed is-social worker matul dan il-perjodu tas-*soft lockdown*, u cioe ghal tlett xhur, il-komunikazzjoni bejniethom kienet biss bit-telefon.

Ix-xhieda ta' hu l-hati u tal-habib tieghu trid tigi mwiezna fl-istess kuntest – u cioe li ghal tlett xhur, l-hati bhal bqija tal-poplu Malti kollu, kellu ordnijiet biex joqghod kemm jista' jkun gewwa u ma jiggerriex, u l-hwienet u s-servizzi kollha mhux essenzjali kienu maghluqa. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tantx tista tati piz lix-xhieda taghhom.

Wara li rriflettiet fit-tul, din il-Qorti hija tal-opinjoni li, anke tenut kont tal-komportament tal-hati matul dawn il-proceduri, din il-Qorti m'hix konvinta li tista' tghid li l-hati rregistra

progress bizzejjed f'hajtu, sabiex jisthoqqlu li jinghatalu cans iehor. Wara li gie revokat id-digriet mill-helsien tal-arrest sena ilu, l-hati kien jghix fl-ambjent kontrollat tal-habs. Apparti li l-hati ilu barra l-habs biss ftit xhur, f'dawn ix-xhur barra l-habs kien ukoll sa certu punt f'ambjent kontrollat minhabba r-restrizzjonijiet imposti ghar-ragunijiet ta' sahha.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet validi bizzejjed li jiggustifikaw li tati cans iehor lill-imputat u li testendi s-sentenza sospiza ghal perjodu iehor. Jekk il-hati irid ikompli jahdem sabiex eventwalment jirrintegra ruhu fis-socjeta, u jahdem fuq id-diversi problemi li ghandu mal-familja tieghu, ma hemm xejn li jimpedieh li dan ikompli jghamlu mill-habs, kif kien qed jaghmel qabel.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar fis-26 ta' Marzu 2015 tigi reza operattiva.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**